Is-Swieqi
LOCAL COUNCIL

MINUTI

LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI S-SWIEQI

ID-DISA' LEĠISLATURA 2024

SEDUTA NUMRU 25- Kontinwazzjoni

Il-Kunsill Lokali tas-Swieqi iltaqa f'seduta nhar it-Tnejn 4 ta'Awwissu 2025 fl-16.40

**Preżenti:**

| | | |
|---|---|---|
| Noel Muscat | - | Sindku |
| Jordan Galea Pace | - | Viċi Sindku |
| Rowena Scicluna | - | Kunsillier |
| Mary Anne Abela | - | Kunsillier |
| Theresa Valentino | - | Kunsillier |
| Edgar Rossignaud | - | Kunsillier |
| Lucia Vassallo | - | Kunsillier |

Il-Kunsillieri A.Pisani u M.Balzan talbu sabiex jkunu skużati minħabba impenji oħra.

Uffiċjal Preżenti: Clarissa Buhagiar – Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku qal it-talba.

*Is-Sindku ta l-kondoljanzi tiegħu f'isem il-Kunsill lis-Sa. Carmen Said ( ex-Sindku) għat-telfa ta' binha kif ukoll lill-Imħallef D.Scicluna għat-telfa t'ommu.*

Noel Muscat
Sindku

Clarissa Buhagiar
Segretarju Eżekuttiv

## 25.1 RAPPORT TAS-SINDKU

25.1.1 Is-Sindku ppreżenta rapport li se jkun anness ma' dawn il-Minuti bħala App.A. F'dan ir-rapport hemm kull laqgħa li s-Sindku attenda għaliha mill-aħħar Seduta sa llum.

25.1.2 Nhar it-18 ta' Ġunju, is-Sindku nforma li waqt laqgħa li kellu ma' CEO ta' TM, Sur Cohen, Perit Conti u Sur K. Farrugia flimkien mal-Kunsillier M.Abela iddiskutew l-immaniġjar tat-traffiku fi Triq il-Prekursur, it-traffic lights il-ġodda ta' ħdejn Pavillion Restaurant kif ukoll saret pressjoni sabiex hekk kif jibdew l-iskejjel jkun hemm iktar uffiċċjali preżenti f'din iż-żona sabiex kemm it-traffiku li ħiereġ mill-Madliena kif ukoll dak ta' Triq il-Qasam jitħalla joħroġ b'mod sigur.

25.1.3 Nhar l-20 ta'Ġunju,saret laqgħa ma' rappreżentant ta' Eden Leisure Group. Għal din il-laqgħa kien hemm preżenti wkoll il-Kunsillier M. Abela u R. Scicluna. Din il-kumpanija dehru li għandom interess li jikru xi *advertising panels.* Is-Sindku staqsa sabiex kemm jista' jkun jiġi tiġi segwita din il-materja.

25.1.4 Is-Sindku awgura kull suċċess lil Fr Osmar kif ukoll irringrazzjah ta' xogħol siewi kollu li għamel fil-komunita' tagħna. Fl-20 ta'Ġunju, is-Sindku flimkien ma' xi membri tal-Kunsill attendew għal din iċ-ċerimonja li ġiet organizzata mill-Kappillan tal-Parroċċa.

25.1.5 Flimkien mas-SE, is-Sindku iltaqa' ma' Dr. J.Fenech nhar it-3 ta'Lulju. Matul din il-laqgħa, ġew diskussi diversi punti fosthom il-problema ta' over-booking ta' tennis court, CCTV Camera li għad irridu jiġu nstallati kif ukoll sabiex jitħallsu l-kontijiet ta' dawl u l-ilma fil-ħin. Is-Sindku talab ukoll kopja tal-managment accounts ta' Tennis Club.

25.1.6 Is-Sindku nforma li kellu intervista mal-Malta Today nhar l-10 ta'Lulju.

25.1.7 Nhar is-16 ta'Lulju,is-Sindku flimkien mas-SE iltaqgħu ma' uffiċċjali ta' LANDS dwar il-ħajt perikoluż li hemm fi Triq il-Ġiebja. Jidher li skont rapport tal-Perit tal-Kunsill kif ukoll skont l-uffiċċjali tal-LANDS, il-*yucca* li hemm wara dan il-ħajt, qed timbotta u għalhekk hemm bżonn tinqala' mill-aktar fis. Is-Sindku nforma li għalkemm il-Kunsill huwa dejjem favur li jħares kull siġra, il-*yucca* mhix siġra protetta u tagħmel ħafna ħsara. Kien hemm qbil unanimu minn dawk preżenti li din għandha titneħħa ġa ladarba din qed tkun ta' periklu. Is-SE infurmat li xogħlijiet se jkunu qed jibdew fil-ġimgħat li ġejjin.

25.1.8 Is-Sindku rringrazzja lil Reġjun Lvant li għal sena oħra għażel il-lokalita tagħna sabiex itella' Chess Tournament annwali fil-Ġnien Mons. Victor Grech nhar id-19 ta'Lulju.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

## 25.1 RAPPORT TAS-SINDKU – ikompli

25.1.9 Fil-21 ta' Lulju,is-Sindku ltaqa' mal-Perit tal-Kunsill sabiex jiġu dikussi diversi materji pendenti:

- PC67/21 –jidher li bħalissa għadna qed nistennew minn naħa tal-LANDS
- Triq tal-Ibraġ – jidher li l-kuntrattur għalkemm għadu ma preżentax il-garanzija bankarja, huwa intressat li jaħdem dan il-kuntratt. Is-SE infurmat li se jsir kuntatt ma' DPF sabiex jiġi stabilit hux lesti li niffirmaw dan il-ftehim.
- Chairlift tas-sala – jidher li hawn qegħdin mwaħħlin ma' CPRD peress li id-disinn li ppreżenta l-kuntrattur, ma ġiex aċċettat minn CRPD u għalhekk ma jistax jsir
- Rigward il-ħajt tal-ġnien minn naħa ta' Triq il-Ħemel, ġie inutat li x-xogħol jista' jibda' skont il-permess li nħareġ mill-ERA.
- Rigward il-ħofra li tfaċċat fi Triq il-Qasam ( ħdejn Biskuttin), is-Sindku nforma li iltqajna mal-WSC u dawn ikkonfermaw li m'hemm l-ebda leakage tad-drenaġġ/ilma minn naħa tagħhom.

25.1.10 Is-Sindku nforma li l-problema ta' vandaliżmu, storbju eċċessiv u nuqqas ta' dixxiplina għadhom qed jippersistu sew tant li r-reisdenti jinsabu ferm urtati u inkwitati li din is-sitwazzjoni qed teskala b'rata mgħaġġla. Is-Siindku nforma li se jibqa' jwassal kull ilment li jirċievi lill-awtoritajiet ikkonċernati.

25.1.11 Hu nforma li skont l-aħħar informazzjoni li l-Kunsill għandu, IM lestew ix-xogħlijiet ta' *resurfacing* fit-toroq indikati hawn taħt:

- Triq il-Molletta
- Triq Fuq il-Ġonna
- Triq il-Ħawt
- Triq il-Gejża

Jidher li fil-jiem li ġejjin, IM se jkunu qed jkompli bi xogħlijiet fit-toroq indikati hawn taħt:

- Triq il-Bramel
- Triq il-Ħemel ( bejn Sirk u Għajn)
- Triq il-Ktajjen
- Triq il-Ġwielaq
- Triq id-Dris
- Triq l-Għarbiel
- Triq ix-Xiber

Is-Sindku rringrazzja lil IM kif ukoll lir-residenti tal-kooperazzjoni tagħhom sabiex jkunu jistgħu jsiru dawn ix-xogħlijiet.

Noel Muscat — Sindku

Clarissa Buhagiar — Segretarju Eżekuttiv

## 25.1 RAPPORT TAS-SINDKU – ikompli

25.1.12 Is-Sindku nforma li b'kollaborazzjoni mal-Public Works, il-Kunsill se jkun qed jibda' bix-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni ta' bankini f'dawn it-toroq fil-jiem li ġejjin:

- Triq il-Wiżna ( in-naħa ta' *Piccinino*)
- Id-dawra ta' Ġnien FX Ebejer fi Triq is-Swieqi

Hu nforma li saru diskuzzjonijiet wkoll sabiex jibdew xogħljiet fuq il-bankini fi Triq G.Lebrun u Triq is-Siegħ, Triq l-Uqija skont l-applikazzjonijiet li konna sottometejna. Is-Sindku nforma wkoll li mill-fondi tal-Kunsill, saru wkoll xogħlijiet fi Triq il-Ward u fi Triq is-Sejjieħ.

25.1.13 Is-Sindku nforma li planter fi Triq is-Sejjieħ issa huwa lest, is-siġar ingħataw b'donazzjoni minn Project Green u issa bdew ix-xogħlijiet fi Triq il-Qatta. Hekk kif kien deċiż, se jsir planter mal-ħajt ta' tennis court u din il-biċċa tinbidel f'one-way 'il fuq hekk kif ukoll ġie approvat mit-TM. Kien hemm qbil minn dawk preżenti.

25.1.14 Rigward l-embelishment ta' Triq is-Swieqi, is-Sindku nforma li qed jiġi ffinalizat l-ftehim ta' €300,000.00 ma' Project Green. B'dawn il-fondi, se jkunu qed isiru planters f'kull kantuniera ta' Triq is-Swieqi. Il-Perit Falzon se jkun qiegħed jipprepara pjan ta' immaniġjar ta traffiku f'din iż-żona.

25.1.15 Is-Sindku rringrazzja lil IM, talli fi Triq il-Ħawt għamlu 3 *planters* ( Ħawt ma' Ilma, Ħawt ma' Għamad u Ħawt ma' Ġiebja). Il-ġardinar se jkun qed jiżra siġar u arbuxelli adatatti hekk kif iż-żmien jippermetti.

25.1.16 Is-Sindku nforma li hu għadu tal-idea li Triq Josef Kalleya ssir tinfed ma' Triq il-Qasam skont il-pjan lokali tal-PA. Kien hemm ftehim dwar din il-materja u għalhekk is-Sindku se jkun qed jikkonsulta mal-Perit tal-Kunsill.

25.1.17 Is-Sindku nforma li l-green-wall fuq il-bejt tal-Kunsill issa huwa kollu komplut u wieħed jista' josserva kemm din iż-żona tal-ġnien ingħatat dehra isbaħ. Is-SE fakkret li dan il-proġett kien parti iffinanzjat mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

25.1.18 Hu nforma li wara d-diskuzzjonijiet li kellna mal-MTA dwar il-finanzjament ta' CCTV Cameras ġodda fejn dawn kienu ikkonfermaw li huma interessati li joffru għajnuna finanzjarja; issa irċivejna kwotazzjoni mill-*Strand Electronics* li din tammonta għal madwar 17k. Is-SE infurmat li din il-kwotazzjoni se tkun qed tgħaddi għall-approvazzjoni tal-MTA.

| | |
|---|---|
| Noel Muscat | Clarissa Buhagiar |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

25.1 RAPPORT TAS-SINDKU – ikompli